



L-Aġjar Prattiki fit-taħriġ tal-imħallfin u l-prosekuturi

Kategorija tal-prattika: Metodoloġija Innovattiva ta' Taħriġ

Tip ta' prattika: Prattika Tajba

Pajjiż: Il-Portugall

April 2014

Titlu tal-prattika	Indirizz elettroniku u Vidjokonferenzi
<i>Karatteristiċi prinċipali:</i>	<p>Fil-Portugall biex wieħed jevita spejjeż tal-ivvjaġġar żejda għall-parteċipanti interessati li jaħdmu 'l bogħod mill-post fejn isir it-taħriġ, u anke biex għadd ikbar ta' nies ikunu jistgħu jibbenefikaw minnhom, għadd konsiderevoli ta' attivitajiet ta' taħriġ inklużi fil-programm ta' taħriġ annwali issa qed isiru permezz ta' vidjokonferenza.</p> <p>Din l-għodda tintuża l-aktar meta s-suġġetti ta' taħriġ ikunu relatati mal-istudju u l-implimentazzjoni ta' strumenti ġuridiċi ġodda, peress li dawn normalment jattiraw għadd kbir ta' parteċipanti.</p> <p>Jekk it-teknoloġija adegwata hija disponibbli (il-punti ta' riċeviment jirrikjedu kapaċità teknika adegwata, għalkemm din normalment ma tkunx problema peress li t-taħriġ is-soltu jsir fil-qradi reġjonali), l-għodda tippermetti wkoll interazzjoni mal-punti ta' riċeviment differenti u l-post tal-avveniment.</p> <p>Minħabba f'hekk, l-għodda spiss tkun ikkombinata wkoll ma' indirizz elettroniku, li l-parteċipanti jistgħu jibagħtu l-mistoqsijiet u r-rimarki, u dawn f'ħafna każijiet, ikollhom tweġiba mill-ewwel.</p>

<i>Detalji kuntatt istituzzjoni</i>	<i>ta' tal-</i> Centre for Judiciary Studies (CEJ) Largo do Limoeiro 1149-048 Lisbon Portugal Telefown: + 351 21 884 56 00 Faks: + 351 21 884 56 04 E-mail: cej@mail.cej.mj.pt Sit elettroniku: www.cej.mj.pt
<i>Kummenti oħrajn</i>	PRATTIKA TAJBA , li tista' faċilment tkun ittrasferita u li tuża għodod ta' tagħlim mill-bogħod billi tapplikah għat-tagħlim kontinwu.

Sors: Proġett Pilota - Taħriġ Ġudizzjarju Ewropew: "*Lott 1 – Studju dwar l-aħjar prattiki fit-taħriġ ta' mħallfin u prosekuturi*", imwettaq min-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN)